MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Numru 548/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**
**v**

**LAWRENCE CILIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LAWRENCE CILIA** ta' hamsa w hamsin sena bin Joseph u l-mejta Maria nee Mifsud, imwieled Hal Ghaxaq nhar t-tnejn ta' Ottubru, 1946 u joqghod Block V, Flat 3, Triq il-Jum, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 845746M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifika foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elf lira maltin b'qerq bi hsar ata' Pierre Fiott u diversi persuni ohra;

2. talli minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, approprja ruhu billi dawar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elf lira maltin ghad-detriment ta' Pierre Fiott, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speciifikat.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Ottubru 2003 esibiti a fol 46 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta' Dicembru 2004 jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Semghet wkoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena:

Il-Qorti hadet in konsidrazzjoni is-segwenti fatti:

a. Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 deher Pierre Fiott, l-allegat vittma, li ppresenta ricevuta li giet mmarkata bhala dokument Z fejn fiha gie dikjarat li hu

rcieva s-somma ta' elf u tmien mitt lira maltin minghand l-imputat fuq negozju li ma sehhx ta' bejgh ta' proprjeta numru 2, Sqaq numru 1, Triq San Filippu, Ghaxaq u ghalhekk illum il-gurnata m'ghadx ghandu pretenzjonijiet ulterjuru kontra l-imputat w in oltre lanqas m'ghad ghandu interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri;

b. Il-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja b'hamsa w ghoxrin konvizzjoni registrata fuqha konsistenti f'varji reati u kontravenzjonijiet kommessi minnu fuq medda ta' snin u cioe mis-sena 1969 sas-sena 2002 meta nstab hati ta' serq u kontravenzjonijiet naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku, talli kkaguna feriti ta' natura hafifa, fuq frodi u xi kontravenzjonijiet ohra pero minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat qatt m'intbaghat l-habs; u

c. Li minn naha l-ohra s-socjeta ma sofreiet ebda danni materjali u dan ghaliex il-vittma gie risaldat in toto.

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta u li taghmel gustizzja mal-imputat minhabba li hu ghamel tajjeb ghal ghemilu billi kkumpensa lil vittma u ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma li m'ghandiex timponi piena karcerarja effettiva fuqu.

Pero minn naha l-ohra, ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat u ma timponix piena karcerarja fuqu ghaliex il-fedina penali tieghu hi li hi u tirrifletti fuq il-karattru xejn diligenti tieghu.  Ma hemmx dubbju li l-imputat ma tghallimx mill-pieni precedenti tieghu ghaliex rega' qieghed il-Qorti rinfaccjat bl-akkuzi odjerni ammessi minnu.

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tissospendi l-operat tas-sentenza ta' prigunerija li sejra tinfliggi fuq l-imputat u dan sabiex jkollha l-effett ta' mannara mdendla fuq rasu bl-isperenza li jzomm boghod mill-hajjat tal-kriminalita.

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artkoli tal-ligi partikolarment l-arikolu 308, 309, 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat LAWRENCE CILIA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin mill-lum.**

**Il-Qorti spjiegat l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha, li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------